KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

8 t'Awwissu 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hamsa u Tletin (35) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hamsa u Tletin (35) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 4 t'Awwissu 2014 fis-2.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Kuntratt taz-Zamma u l-Manutenzjoni tal-Funtani
10. Evalwazzjoni tat-Tender – Collection of Mixed Household Waste in an Enrionmentally Friendly Manner
11. Traffiku u Parkegg
12. Kuncert - Isle of MTV
13. Kuncert - Joseph Calleja
14. Maintenance Monitoring Unit Report
15. Tindif fil-Floriana
16. Qsari fi Pjazza Sant'Anna
17. Europe for Citizens Programme 2014-2020
18. Progett - Mudell tal-Floriana
19. Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi
20. Rigenerazzjoni tal-Floriana
21. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Hamsa u Tletin (35) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 2.3.**
**L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Jean Zarb ma kienx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbgha u tletin (34) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.18 fej talab li jitnizzel li hu kien ippropona wkoll il-mudell tal-ferrovija. Il-Kunsill qabel ma' din iz-zieda u qabel li l-materja ghandha tizdied bil kliem "Il-Kunsillier Vince Borg issuggerixxa wkoll il-Monument tal-Ferrovija"

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 11.1 u talab li jitnizzel li hu kien attenda ghal xi intervisti tal-kandidati. Is-Sindku talab li jitnizzel kull min kien attenda. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitnizzel il kliem "... fejn attendew ukoll il-Kunsilliera Vince Borg u xi drabi Edward Torpiano..".

1.4. Il-minuti msemmija f'1.1 flimkien mal-korrezzjonijiet gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.1 (34) u saqsa jekk il-bollards li ser jitwahhlu hdejn l-iskola kienux gew ordnati. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-bollards kienu diga mmanifatturari u li kien ser jitqabbad kuntrattur sabiex jinhadmu t-toqob u l-ghotjien ta mal-art.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.4.1 (34) u nforma li l-book box kienet tressqet mill-post originali u twahhlet fil-genb.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.4.2 (34) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika rigward il-bring in sites. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu jara kemm qed jintuzaw dawn il-bring in sites.

2.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien iccirkola l-istatistika li kellu u li kien jirrizulta li l-bring in sites jintuzaw mhux hazin.

2.3.2 Is-Sindku qal li ladarba dawn kienu jintuzaw allura ma setghux jitnehhew u l-unika alternattiva tkun li jigu rilokati.

2.3.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li dawn jitpoggew fil-parti maghrufa bhala Taht il-Forka. Is-Sindku wiegeb li jekk ser jigu rilokati il-Kunsill ghandu jikkonsidra li jirrilokahom ghal post centrali sabiex ikunu accessibbli mir-residenti.

2.3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar fis-suggeriment tal-Vici Sindku sabiex dawn jigu rilokati ftit 'l isfel mid-Dipartiment tal-Inland Revenue, hdejn l-iskola tal-Ospizio.

**Nota: 14:15 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

2.3.5 Is-Sindku esprima l-hsibijiet tieghu li tali rilokazzjoni taghti lok ghal abbuz peress li l-post huwa ftit imwarrab.

2.3.6 Is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex jahsbu f'xi postijiet alternattivi fejn jistghu jigu

rilokati l-bring in sites, possibilment postijiet li jkunu centrali u accessibbli ghar-residenti

2.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-fridge imsemmjija fl-ahhar laqgha kinietx ingabret. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kellha tingabar mill-kuntrattur nhar is-Sibt.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.13 (34) u saqsa jekk is-sigar li nqatghu kienux tnehhew minn fuq il-post. Is-Sindku kkonferma li dawn kienu tnehhew.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.14 (34) u qal li kien ghadu jrid jikkonferma l-kliem tat-tabella. Is-Sindku qal li dik it-tabella kienet saret sabiex ikunu jistghu jitnizzlu l-pazjenti u f'kaz li mhux qed tintuza allura jemmen li din ghandha titnehha. Huwa qal ukoll li t-tabella ghandha ssir bil-hinijiet.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.15.1 (34) u saqsa jekk il-kantina kinietx giet imnaddfa. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ingabet stima ghat-tindif imsemmi u ix-xoghol ser isir fil-granet li gejjin.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.19 (34) u saqsa jekk kienux accettaw il-kontribuzzjoni li talab il-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kontribuzzjoni kienet giet accettata.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.4.2 (34) u nforma li hu kien tkellem mas-Supretendent li kkonfermalu li l-vetturi msemmija fil-laqgha precedenti ma kelllhom l-ebda immunita' u ghalhekk riedu jitharrku bhal kull vettura ohra. Il-Kunsillier Borg kompla billi qal li hu kien informa l-gwardjani lokali u talabhom sabiex dawn il-vetturi jitharrku.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.5 (34) u nforma li l-Pulizija kienu hadu passi kontra l-individwu li ghandu jitressaq il-qorti fil-jiem li gejjin.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 8.2 (34) u qal li hu kien ikkuntattja lir-Road Servicing u li kien qed jistenna l-istima minghandhom. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ircieva telefonata minghandom fejn informawh li l-magna li ghandhom kienet kbira wisq ghax-xoghol mitlub u li kienu qed jipprovaw isibu magna aktar adattata.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 17.2 (34) u nforma li matul il-laqgha li saret mal-ministru kienet issemmiet il-materja ta' Gnien il-Mall u l-pavimentar tieghu.

2.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghad-decizjoni mehuda mill-Kunsill biex tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lill-entitajiet kollha li taw sehemom fil-kuncert Isle of MTV. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-ittri kienu ghadhom ma ntbaghtux u li ghandhom jintbaghtu f'qasir zmien.

2.14 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.20.3 (34) u nformat li kellha tintbaghat ittra lir-residenti Furjanizi sabiex jigu nformati bl-opportunita' ghal scholarship fl-Akkademja ta' Justin Haber. Hija qalet li fl-ittra, kien ser jigi appellat li tfal li diga bbenefikaw mill-ischolarship ghandhom jaghtu l-opportunita' lil tfal ohra sabiex jibbenefikaw.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja nru 2.14 u saqsa jekk l-istudenti maghzula jibqghux jibbenefikaw mill-ischolarship ghall-dejjem jew jekk l-ischolarship tinghatax biss ghal sena. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-ischolarship tinghata ghal stagun. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx ma' dan u jhoss li t-tifel maghzul kellu jinghata scholarship ghat-tul kollu. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-istudent jirbah scholarship ghall-ewwel stagun imbaghad jekk ikun jixtieq ikompli irid ihallas il-mizata ghas-snin ta' wara.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill bil-laqgha li nzammet mal-Ministru Joe Mizzi fejn giet diskussa l-kwistjoni ta' Gnien il-Mall. Huwa kompla billi qal li l-pozizzjoni tal-ministeru hi li t-tiswijiet inutli jsiru jekk ma jkunx hemm xi tip ta' gheluq tal-gnien. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li tinzamm laqgha mal-Ministru Mizzi jew ma' rapprezentant tieghu flimkien mal-ELC u r-residenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Middlesea Insurance kellhom hsibijiet sabiex jirrangaw il-faccata tal-bini MiddleSea House (ex Montgomery House) u ghalhekk l-entratura principali taghhom ser tkun fejn kien hemm l-entratura originali. Huwa qal li kien jinsab kuntent hafna b'dan il-progett li ser jara il-faccata originali tigi restawrata. Huwa qal li f'diskussjoni li kellu ma rapprezentant tal-kumpanija, saret proposta biex tigi riabilitata l-pjazza ta quddiemom, jigifieri Pjazza Papa Gwanni XXIII

3.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident li lmenta dwar rwejjah qawwijin ta' medicina fi Triq l-Imhazen. Huwa ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Awtorita' tal-Ippjanar jew lis-Sanita' sabiex jinvestigaw l-ilment. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident li ppropona li jsir sleeping policeman f'salib it-toroq ma' Triq il-Kapuccini c/w Triq Pietro Floriani. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza fejn informa l-Kunsill b'laqgha li se ssir dwar il-Mobility week. Huwa kompla billi qal li ghaliha ser jattendi s-Segretarju Ezekuttiv u saqsa jekk kienx hemm xi hadd mill-kunsillieri li xtaq jattendi minflok is-Sindku. Peress li ma kienx hemm voluntier il-Kunsill qabel li ghandu jattendi biss is-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 14:45 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienet qed issir pressjoni sabiex jingabru l-fondi dovuti lill-Kunsill mill-progett GARDMED, fondi li jammontaw ghal €53000.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dimbros Ltd. li talab li l-gabra tal-iskart goff jibda jsir il-Gimgha filghaxija minflok is-Sibt filghodu. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk tistax issir din il-bidla skont il-ftehim li ghandu l-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ftehim jghid li l-Kunsill jista' jikkunsidra revizjoni fil-granet miftehma. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba tal-kuntrattur b'mod specjali minhabba persuni li jahdmu matul il-gimgha.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie nnutat li l-Floriana F.C. kienu qed jirreklamaw attivita' minghajr ma kienu talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jaghmlu uzu mill-Centre Rikreattiv Re Gorg V. Wara li l-Kunsill kien avvicinahom dwar dan, is-Sindku qal li kienu qed jitolbu permess biex issir attivita' fit-8 t'Awwissu 2014. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda enfasizza li fil-futur ikun avvicinat qabel ma jibdew isiru l-preparazzjonijiet.

**Nota: 14:50 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

3.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-korrispondenza mibghuta minn Dr Angele Vella dwar il-bye law ghall-garages fil-lokalita' fejn il-Kunsill gie mitlub jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-proposta tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lid-dipartiment li l-Kunsill kien ghadda l-process kollu li kienet tirrikjedi din il-bye law kif ukoll li l-process tlesta. Il-Kunsill qabel ukoll

li ghandu jinforma li l-pozizzjoni tieghu kienet li jkompli jsostni l-abbozz kif ukoll li kien inghata c-cans biex l-istakeholders iressqu l-kummenti taghhom dwar l-abbozz.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghall-bye law ghal attivitajiet fil-berah kienet giet rifjutata. Is-Sindku kompla billi qal li jhoss li l-Kunsill ghandu jibqa' jsostni dan il-punt u li din ghandha titressaq anke quddiem l-Assocjazzjoni tal-kunsilli lokali.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand sid D-Coffee Club biex jitpoggew imwejjed u siggijiet fi tliet zoni vicin tal-hanut.

3.11.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili esprimiet il-hsieb taghha dwar l-ostruzzjoni tal-passagg tal-bankina ta' quddiem il-hanut.

3.11.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li minkejja li hu favur kull proposta li taghti hajja lil-lokalita', kellu dubju kellhomx jigu approvati z-zoni kollha mitluba.

3.11.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi tahseb li jekk jintramghu imwejjed u siggijiet faccata tal-hanut din ser tohloq sitwazzjoni perikoluza fejn wiehed ser ikollu jaqsam ta' spiss minn triq daqstant traffikuza.

3.11.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jaqbel li l-Kunsill jaghti permess lis-sid sabiex jarma imwejjed u siggijiet mal-genb tal-hanut.

3.11.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li jkun ahjar li jsir traffic assessment survey.

3.11.6 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni tat-talba kollha, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, ET, NH)
Kontra: 2 (DSH,VB)
Astensjonijiet: 0

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Skyline Webcams fejn offrew lill-Kunsill sabiex jinstalla webcams f'xi zona fil-lokalita' li tkun accessibli l-hin kollu u taghti l-filmati live kull hin. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-offerta' sabiex il-Kunsill jippartecipa fi progett pilota organizzat mid-Diaprtiment tal-Gvern Lokali "Performance Management". Il-Kunsillier Borg saqsa x'kien ser ikun rikjest mill-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li l-partecipazzjoni kienet b'xejn u li kien hemm bzonn biss ir-rizorsi umani. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali x'ser jirrikjedi ezatt dan il-progett.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'ilment li gie mressaq dwar il-hruq tan-nar minn fuq il-kazin tal-futbol il-gimgha ta' qabel.

3.14.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kellu l-ebda jedd fuq il-permess mahrug minhabba li tali permess jinhareg mill-Pulizija u li l-Kunsill kien jaghti biss in-no objection tieghu.

3.14.2 Huwa kompla billi qal li bil-ligi hadd ma kien obbligat jinforma lil terzi ladarba jinhareg il-permess mill-Pulizija.

3.14.3 Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jivverifika jekk kinitx intalbet no objection mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

3.14.4 Il-Vici Sindku ppropona li meta l-Kunsill johrog no objection ghandu jinforza l-kundizzjoni li l-applikant jinforma lil ta' madwaru bil-pjan li jahraq in-nar.

3.14.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li taqbel ma' din il-proposta u thoss li per etika, wiehed ghandu jinforma jew jaghmel xi tabelli/sinjali.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill minkejja li l-Kunsill kien qed ihallas biex ikollu attendant mal-latrini tal-bandli, kien hemm rapporti li ma kien qed ikun hemm hadd ghassa mal-latrini. Is-Sindku kompla billi qal li meta gie kkuntattjat l-kuntrattur, dan kien saqsa l-hinijiet u r-rati tas-servizz u ghalhekk jidher li l-kuntrattur ma kienx qed joffri s-servizz kif miftiehem ladarba lanqas biss kien jaf x'hin suppost kien qed joffri l-imsemmi servizz. Is-Sindku qal li f'kaz iehor, il-kuntrattur dam kwazi gimgha ma jwiegeb l-ilment u rrizulta li kien imsiefer matul dan iz-zmien. Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jimmulta lill-kuntrattur ghan-nuqqas ta' servizz fid-29 ta' Gunju 2014 kif ukoll xi granet f'Lulju, minn meta gie mitlub informazzjoni sa meta kien imsiefer.

3.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet regghet ghal darb'ohra giet avvicinata minn resident li lmenta dwar il-hmieg li jkun hemm fil-latrina. Hi qalet li kienet irreferiet lir-resident l-ufficcju tal-Kunsill sabiex ikun jista' jittiehed l-ilment.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand wiehed mill-operaturi tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex tibda' tittella' tombla kif ukoll biex isir tournament tal-futbol. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni li jinghata permess ghat-tombla filwaqt li s-Sindku talab lill-Kunsilliera Sammut Hili sabiex taghmel kuntatt mal-operaturi u tara ezatt x'qeghdin jipproponu fir-rigward tat-tournament tal-football.

3.18 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-picc sintetiku u qal li dan jinsab fi stat hazin u kien hemm bzonn li ssirlu l-manutenzjoni necessarja. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li t-turf kien spicca Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab stima ghall-manutenzjoni jew bidla tat-turf tal-picc kif ukoll tal-lasti.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Arcipriet fejn offra lill-Kunsill sabiex itella' l-Floriana fest b'mod kongunt mieghu. Il-Kunsill ma laqax it-talba ghax kien diga ippartecipa f'inizjattiva mal-parrocca matul din is-sena, skont kif kien gie deciz mill-kunsill. L-istess Kunsill m'ghandux jaghmel aktar minn attivita wahda ma' organizzaturi partikolari tal-lokal jekk taqbez il-parametri finanzjarji iffissati mill-Kunsill.

3.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Ajax fejn talbu permess lill-Kunsill sabiex tittella' presentation night b'mod kongunt fi Gnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill laqa' t-talba li tali attivita' tigi organizzata b'mod kongunt.

**Nota: 15:30 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat.**

3.21 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn wiehed mill-bejjiegha li jixtieq jarma fuq il-monti u saqsa jekk il-Kunsill hux qed jalloka postijiet godda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill ma kienx qed jalloka postijiet godda minhabba li l-Kunsill kien iddecieda li dan ma jsirx. Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm postijiet vojta. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li kien hemm xi postijiet liberi. Ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda' jalloka postijiet godda ladarba ma kienx ghad hemm direttiva tal-Gvern Centrali li tghid mod iehor. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 15:32 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kinitx intalbet il-laqgha mal-Ministru Dr Zammit Lewis. Is-Sindku wiegeb li l-laqgha kienet ghadha ma gietx mitluba.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ghamel talba ghal-laqgha mas-Segretarju Parlamentari Ian Borg. Is-Sindku qal li L-Onorevoli Borg kien tkellem mieghu u nformah li l-laqgha kellha tinzamm wara l-elezzjonijiet tal-parlament ewropew. Ghalhekk il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ser jerga' javvicinah sabiex jinghata appuntament ghal laqgha.

4.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghal parti pjuttost zdingata mal-genb ta` Gnien il-Mall u saqsa jekk dan jistax jigi rrangat mill-Kunsill jew mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-ELC sabiex din tigi trangata.

**Nota: 15:33 Il-Kunsillier Vincent Borg rega' attenda ghal-laqgha.**

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-cat cafés li hemm fi Gnien il-Mall u saqsiet jekk dawn setghux jigu rrangati. Is-Sindku qal li mill-cat cafés kellhom jitnehhew kull zidiet li jsirulhom bhal kaxex li jingiebu mir-residenti, ecc. minhabba li kienu dawn iz-zidiet li jkerrhu u mhux il-cat cafés infushom. Qal li l-Ministru Joe Mizzi kien gibed ukoll l-attenzjoni fuq l-istat tal-cat cafes fl-ahhar laqgha li kellu mal-Kunsill.

4.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghas-subways u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Gvern Centrali ma kienx laqa' t-talba tal-Kunsill lis-subways jghaddu f'idejn il-Kunsill izda l-Ministru Joe Mizzi wieghed li jizdied it-tindif tas-subways ghal tliet darbiet fil-gimgha.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi ressaq id-dokument tal-Espressjoni ta Interess ghall-Christmas Village ghall-approvazzjoni kif ukoll saqsa jekk il-Kunsill kienx ser jitlob hlas ghad-dokument. Il-Kunsill qabel li din l-espressjoni ghandha tkun b'xejn.

**Nota: 15:40 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

6.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja precedenti u qal li hu jhoss li l-Kunsill kellu jerga' jikkunsidra d-decizjoni li ha rigward ic-Celebrazzjonijiet Nazzjonali f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena. Huwa qal li hu ma kienx ippublicizza d-decizjoni tal-Kunsill izda kien jinsab cert li ladarba sisr taf il-midja, kien ser jinholoq kjass.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li r-rispons ta' hafna mir-residenti kien li xtaqu li l-attivita' terga' ssir u li hafna qalu li n-nuqqas t'attendenza tal-ahhar edizzjoni kien minhabba t-temp.

6.4 Is-Sindku kompla billi qal li hu kien jinsab cert li l-V18 jaghtu l-ghajnuna taghhom kuntrarju

ghas-sena l-ohra ladarba ghadna fil-hin li naghmlu talba f'dan ir-rigward u fakkar li l-attivita' ma gietx tammonta ghal hafna flus is-sena li ghaddiet.

6.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ser jerga' jsostni l-pozizzjoni tieghu.

6.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi temmen li l-flus li jkollu l-Kunsill ghandhom imorru primarjament biex jithallsu l-kontijiet pendenti li jkollu mal-kuntratturi.

6.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li hafna kunsilli lokali qeghdin jahdmu bid-dejn u ma kienx biss il-Kunsill Lokali Floriana li ghandu kontijiet pendenti. Huwa qal li minkejja dan, kunsilli lokali ohra xorta jibqghu jorganizzaw attivitajiet u progetti varji.

6.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm kuntratturi li heddew li jitterminaw is-servizz minhabba d-dewmien fil-pagamenti u ghalhekk hi ser tibqa' ssostni l-pozizzjoni taghha.

6.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma kinietx baqghet hazin bhalma kienet.

6.10 Is-Sindku qal ukoll li l-hrug li sar ghal din l-attivita' kien minimu hdejn id-dhul li kellu l-Kunsill Lokali mis-sorsi kollha maghduda flimkien

6.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-konsiderazzjoni tieghu ma kinietx wahda finanzjarja per sé.

6.12 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma setax jifhem ghalfejn din il-materja kienet qed terga' tigi diskussa galadarba l-Kunsill kien diga ha d-decizjoni finali li ma jergax jorganizza din l-attivita' fl-ahhar laqgha. Huwa kompla billi qal li tali decizjoni kienet diga pubblika ladarba kien hemm il-minuti tal-laqgha.

6.13 Is-Sindku qal li kien diga ddikjara fil-bidu li jaf li hemm dec izjoni tal-Kunsill li ghadha tghodd, izda kien qed jitlob rikonsiderazzjoni ghax anke minn dak li intqal fl-laqgha ricenti fl-ufficju tar-Reggjun Xlokk mas-Sur Jason Micallef kien jemmen li din is-sena l-Kunsill kien ser isib l-ghajnuna tal-V18 ukoll.

6.14 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-lokalita' tal-Floriana ma setghetx tikkumpara mal-belt kapitali u kien hemm bzonn li wiehed jaccetta li l-attendenza kienet wahda minima mmens.

6.15 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghad-draft ippreparat minnu ghall-espressjoni t'interess ghal Christmas Village u saqsa jekk kienx hemm xi tibdiliet li l-kunsillieri xtaqu jaghmlu. Il-Vici Sindku fakkar f'xi tibdiliet li kien diga ressaq u s-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma t-tibdiliet imsemmija.

6.16 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-attivita' kienet giet tiswa lil Kunsill €5000 biss u li kieku l-Kunsill hadem ghal sponsorships, kien jinsab cert li s-somma kienet tonqos b'hafna aktar.

6.17 Il-Kunsillera Davina Sammut Hili qalet li l-attivita ma gietx tiswa €5,000 izda €15,000. L-€10,000 differenza huma moghtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u liema applikazzjoni issa tiosta issir u tintuza ghall-attivita ohra, bhal Genna ta Gonna…u Hafna Aktar!

6.18 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien hadem sabiex johrog b'inizjattiva sabiex l-attivita' tattira iktar nies izda minhabba kif graw l-avvenimenti, din l-inizjattiva qatt ma svolgiet.

6.19 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-inizjattiva msemmija kienet ser twassal ghal nefqa akbar mill-Kunsill minhabba li l-isponsorship ma kinietx ser tkompli n-nefqa zejda kollha.

6.20 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan kien minnu izda l-hsieb tieghu kien li jattira aktar nies b'nefqa minima u qal li jemmen li l-attendenza kienet importanti sabiex l-attivita' tkun success.

6.21 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament minhabba li hu jemmen li l-isponsorship kellu jkopri l-ispiza kollha u mhux ikompli jzid man-nefqa. Huwa qal li kull spiza zejda proposta ghandha tkun kopruta.

6.22 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx mar-ragunament tas-Sindku. Huwa kompla billi qal li minkejja dak li kien qed jinghad, hu ried jghid li hu kien hadem ghal sponsorship ukoll u ma kienx biss is-Sindku li ta sehemu ghal dan.

6.23 Is-Sindku qal li hu u il-Vici Sindku Matthew Paris ghandhom interpretazzjoni differenti ta min hadem u gab sponsorships.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 94-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx inhareg il-pagament dovut lil KDF Ltdn li kien inzamm fl-ahhar laqgha. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li dan il-pagament kien intbaghat.

7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni minn pagamenti nru 47 u 48 minhabba kunflitt t'interess.

**Nota: 15:53 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa jekk il-Kunsill xtaqx jirrilaxxa l-garanzija lill-Malta Tourism Authority. Il-Kunsill qabel li din il-garanzija ghandha tigi rilaxxata kollha.

7.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11441 sa 11540, bir-rizultat:

Favur: 4 (ET, VB, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.6 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 15:55 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-ispiza tal-hsara tal-kameras tas-CCTV tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V ser tammonta ghal €663. Il-Kunsill approva.

7.8 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar fil-bzonn li l-Kunsill ikollu l-filmati accessibbli mid-Dar tal-Kunsill.

7.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-kwotazzjoni li gab ghat-tindif tal-kantina li tammonta ghal €150. Il-Kunsill approva u qabel li x-xoghol ghandu jibda mill-aktar fis possibli.

7.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-kwotazzjonijiet li ngabu ghall-platforms tal-konkos sabiex joghlew 3 bankijiet ta Gnien Preziosi fejn l-irhas kwotazzjoni kienet ta' Dion Galea. Il-Kunsill qabel li ghandu japprova l-kwotazzjoni ta' Dion Galea.

## <u>8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## <u>9.0 Kuntratt taz-zamma u manutenzjonijiet tal-funtani</u>

9.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien impjega impjegat fulltime bil-hsieb li dan eventwalment jibda' jiehu hsieb il-funtani tal-gonna. Huwa qal li dan kien bil-hsieb li l-Kunsill jiffranka l-ispiza relatata mat-tender li kien qed ikun obbligat johrog ghal din iz-zamma.

9.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghalhekk ippropona li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur taz-zamma ghall-gonna il-kuntratt mhux ser jerga' jigi mgedded u ppropona wkoll li tali xoghol ghandu jghaddi f'idejn l-impjegat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-proposta nem.con.

## <u>10.0 Evalwazzjoni tat-Tender – Collection of Mixed Household Waste in an Environmentally Friendly manner</u>

**<u>Nota: 16:04 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kienet saret evalwazzjoni amministrattiva u teknika ta' dawn l-offerti.

10.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni sabiex tintaghzel l-offerta' ta' WM Environmental Ltd. Wara rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (ET, VB, MP, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Nota: 16:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.</u>**

**<u>Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti materja nru 18 u 19 qabel materja nru 11.</u>**

## 18.0 <u>Progett - Mudell tal-Floriana</u>

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris li qal li kien hemm il-hsieb li dan il-progett ikun mifdi mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.

18.2 Huwa kompla billi qal li l-idea hija li jsir mudell to scale tal-lokalita' tal-Floriana fil-masgar li hemm quddiem id-Dar tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li dan il-progett ma kellux jaqbez l-ispiza massima ta' €150,000.

18.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien hemm il-hsieb li ma' dan il-mudell ikun hemm ukoll applikazzjoni li tista' titnizzel fuq il-mobile jew tablet li ttik l-informazzjoni kollha relatata mal-mudell kif ukoll mal-postijiet t'interess.

18.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien tkellem mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex jivverifika jekk kienx possibli li l-Kunsill jinghata fondi minn qabel ghal progetti li jkun hemm diga konferma li ser jithallsu lura. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li r-risposta mid-diaprtiment kienet li d-dipartiment m'ghandux dak it-tip ta' finanzjament.

18.5 Wara d-diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandu jressaq dan il-progett lill-konsulent tal-fondi tal-UE tal-Kunsill sabiex ikun jista' jinbeda l-process finali biex dan il-progett jigi approvat u implimentat.

## 19.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi

19.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li l-progetti ta' Binja Vilhena u Binja Preziosi kienu gew approvati mill-Awtorita tat-Djar u ghalhekk kien gie kkuntattjat il-Perit Mintoff li kien responsabbli minn daw l-applikazzjonijiet sabiex ikunu jistghu jitkompla il-process.

19.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-perit kien informa li l-permess tal-Mepa kien ghadu pendenti sakemm jinghata approvazzjoni mas-Supretendent tal-Cultural Heritage.

19.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li rigward il-progett ta' Binja Preziosi, originarjament il-hsieb kien li l-art issir bil-porfido izda minhabba li dan jista jammonta ghal hafna, kien gie deciz li l-offerta tkun fuq zewg tipi, dik tal-porfido u/jew dik tal-lava. Huwa qal li ladarba jinhareg il-permess tal-MEPA, il-Kunsill ikun jista' johrog is-sejha ghall-offerti sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-progett.

**Nota: 16:15 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

## 11.0 Traffiku u Parkegg

11.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi saqsa jekk kinietx intbaghtet ittra ufficjali lill-Kurja kif ukoll il-linji gwida relatati mat-tnehhija tal-parkeggi riservati. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser jibaghtom.

**Nota: 16:17 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

11.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li l-Kurja ma kienux laqghu din il-materja u li l-Isqof kien informah li lest jikkontesta din id-decizjoni mal-Ufficcju tal-Prim Ministru.

## 12.0 Kuncert - Isle of MTV

12.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien iddecieda li jirrilaxxa l-garanzija minhaba li ma

kienx hemm ilmenti kbar fuq xiex tinzamm.

12.2 Is-Sindku qal li minkejja dan kien hemm nuqqas wiehed li huwa n-numru ta' mobile toilets li kellhom jigu armati. Huwa qal li dan in-nuqqas jidher li kien tort tal-kuntrattur u mhux tal-organizzaturi nfushom minhabba li kienu l-organizzaturi stess li weghdu li fl-edizzjoni li jmiss, il-kuntrattur ser ikun imgieghel jiffirma li kkonsenjahom fl-ufficcju tal-Kunsill.

## 13.0 Kuncert - Joseph Calleja

13.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghal kuntrarju tal-kuncert Isle of MTV, il-Kunsill kellu hafna fuq xiex jilmenta rigward il-kuncert ta' Joseph Calleja.

13.2 Is-Sindku qal li hafna mill-ilmenti kienu gew rizolti mill-Kunsill wara li l-organizzatur kien talab lill-Kunsill jirranga u accetta li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez.

13.3 Is-Sindku qal li minkejja dan huwa xorta wahda jibqa' mhux sodisfatt mit-tindif li jsir wara dawn il-kuncerti fejn isir tindif ta' malajr izda jithallew hafna oggetti zghar jigru mal-pjazza kollha, bhal tie clips, etc.

13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm diversi ksur fil-kundizzjonijiet fil-hinijiet li saru s-sound checks u r-rehearsals u ppropona li l-Kunsill ghandu jimmulta lill-organizzaturi ta' dawn in-nuqqasijiet u hu personalment gibed l-attenzjoni tas-Sur Anton Attard u anke sar rapport lill-Pulizija. Il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-organizzaturi s-somma ta' €442.

13.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jzomm il-garanzija mitluba ladarba l-Kunsill kien dovut ukoll is-somma ta' €723 ghall-hsarat li saru mill-organizzazzjoni tal-kuncert.

13.6 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex tinzamm il-garanzija tal-organizzaturi sabiex tkopri il-multa ta' €442 li tkopri l-ksur tal-kundizzjoni tal-hinijiet f'diversi grantet fejn is-sawnd gieli dam anke sa nofsillejl u iktar b'konsegwenza li kellu jsir ukoll rapport lill-Pulizija, kif ukoll tkopri s-somma ta' €723 ghall-hsarat li garrab il-Kunsill. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, T, VB, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

13.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li thoss li l-Kunsill ma giex ittrattat kif suppost minhabba li l-kunsillieri lanqas gew offruti biljetti komplimentari ghal dan il-kuncert.

13.8 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li jhoss li l-Kunsill kellu jigi ttrattat b'iktar rispett fejn wiehed ma jikkoperax biss sakemm jiehu l-permess izda ghandu wkoll isegwi l-kundizzjonijiet li jobbligalu l-Kunsill.

## 14.0 Maintenance Monitoring Unit Report

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghar-rapporti li jintbaghtu minn dan il-unit lill-kunsilli lokali meta jigi mressaq xi ilment. Huwa ppropona li l-Kunsill jadotta l-istess procedura fejn jibghat rapport simili lill-entitajiet kollha governattivi kkoncernati meta jikkoncernaw lilhom.

14.2 Huwa qal li tali rapport ghandu jintbaghat ukoll b'ritratti relevanti u f'kazijiet fejn l-ilmenti jkunu ilhom jippersistu.

## 15.0 Tindif fil-Floriana

15.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ricentement meta kien nizel jaghmel site inspection hdejn il-Polverista, kien innota hafna hmieg u kien tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv sabiex tingib kwotazzjoni biex din iz-zona titnaddaf. Huwa kompla billi qal li dan irrizulta li ma kienx necessarju minhabba li ftit wara din kienet saret mill-kuntrattu tat-tindif tat-toroq.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li fuq nota differenti, huwa kien qed jipprova dejjem jahdem fuq l-indafa fil-Floriana u ghalhekk kien ippropona li l-haddiema jigu jiffirmaw fl-ufficcju tal-Kunsill sabiex tigi kkonfermata l-prezenza taghhom. Minkejja dan wiehed mill-haddiema jahdem f'hinijiet li matulhom ma jkunx miftuh l-ufficcju u ghalhekk ma setax jigi vverifikat ghalissa sakemm il-Kunsill jerga' jkun qed jiftah bil-gurnata.

15.3 Is-Sindku qal li hu kien bat korrispondenza lill-kuntrattur fejn informah li kellu informazzjoni li l-kuntrattur kien qed jahdem b'haddiem wiehed biss. Huwa qal li l-kuntrattur kien innega talli allegazzjoni u kien talab laqgha mas-Sindku li ghandha tinzamm il-gimgha ta' wara.

15.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jibghat haddiem li b'mod kazwali jiccekkja xi toroq.

15.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-haddiema setghu jiccekkjaw huma u sejrin jaghmlu xoghol fuq barra u ghalhekk ma kienx ikun hemm bzonn li jmorru barra minn triqthom biex jiccekkjaw toroq specifici.

15.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan il-kuntrattur kien l-iktar wiehed li jircievi ilmenti fuqu.

15.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li kull kuntrattur li jonqos ghandu jigi mmultat jew jinghata default notice skont dak li jispecifika l-kuntratt u dak li jara adattat il-Kunsill.

15.8 Il-Kunsill qabel li ladarba kellu r-rotta miftehma mal-kuntrattur f'idejh, jista` jibghat lill-impjegat Alfio Sciberras sabiex jiccekkja l-indafa ta' xi toroq.

15.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet informata li Taht il-Forka kien qed jinzel inaddaf tal-anqas tliet darbiet fil-gimgha.

15.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li Sqaq Harper ma kienx qed isir minkejja li dan skont ir-rotta miftehma, kellu jsir tliet darbiet fil-gimgha.

15.11 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk ippropona li ghandu jiccirkola l-frekwenza tat-tindif lill-haddiema sabiex ikunu jistghu jiccekkjaw.

## 16.0 Qsari fi Pjazza Sant'Anna

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab li jigi rrangat il-hawt ta Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsill qabel.

16.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li ghandha tinzebagh l-arma tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-arma li kien hemm kienet dik l-antika.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland talab li ssir pjanta quddiem il-Bank of Valletta. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l ma kien hemm hadd li jsaqqihom u ghalhekk il-pjanti kienu qed imutu. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk dawn jistghux ikunu parti mill-kuntratt tas-soft areas. Is-Sindku wiegeb li dawn kienu diga parti minn dan il-kuntratt. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li ghandu jixtri pjanta li tithawwel quddiem il-Bank of Valletta kif suggeriet.

## 17.0 Europe for Citizens Programme 2014-2020

17.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien iltaqa' mar-rapprezentant fejn informah bl-iskema li kienu qeghdin joffru fejn il-Kunsill jinghata massimu ta' €5000 sabiex ikun jista' jgib minimu ta' 25 persuna minn barra.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-limitu li l-Kunsill seta' johrog ghall-gemellagi kien ta' €3500 u li dan l-ammont ma kienx ser ikopri l-biljetti tal-arju ghal hamsa u ghoxrin persuna.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li normalment il-Kunsill ma jhallasx il-passaggi tal-ajru, izda ihallas biss l-akkomodazzjoni, li hija prassi attwata anke mill-Kunsilli Lokali barranin kull meta jistednuna.

17.4 Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindkuu qabel li ghandu jiffirma memorandum of understanding.

17.5 Is-Sindku ppropona li jingiebu tnax-il persuna minn Macerata u tlettax-il persuna minn Weiden ghall-festa tal-lokalita. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 18.0 Progett - Mudell tal-Floriana

Nota: Din il-materja giet diskussa iktar kmieni fil-laqgha wara materja nru 10.0.

## 19.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi

Nota: Din il-materja giet diskussa iktar kmieni fil-laqgha wara materja nru 18.0.

## 20.0 Rigenerazzjoni tal-Floriana

20.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fit-2 ta' Settembru 2014 kienet ser tinzamm laqgha mal-President ta Malta rigware ir-rigenerazzjoni tal-Floriana.

20.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li fir-rigward ta' rapprezentant tas-settur kummercjali ghal din il-laqgha hu kien tal-fehma li l-Kunsill ghandu jistieden biss lil dawk l-entitajiet kummercjali li kienu wrew interess fit-twaqqif tal-Floriana Business Community. Il-Kunsill qabel.

## 21.0 Aġġornament tal-laqgħa

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 4 ta' Settembru 2014 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fil-17.05.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv |